MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 353/2013

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Neil Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Neil Attard [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 34784 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta’ Dicembru 2012 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil Maria Buhagiar u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntatt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Lulju, 2013, li biha wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq

ammissjoni dabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Lulju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu l-appellant instab hati tal-akkuza migjuba kontrih, tirriduci l-piena lilu moghtija ghal wahda ekwa u aktar gusta, li ma tinvolvix prigunerija jew detenzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali), fid-determinazzjoni taghha tal-piena Ii kellha tinghata lill-appellant, injorat diversi fatturi Ii, kieku nghataw id-debita konsiderazzjoni, kienu ndubitament joperaw sabiex jimmitigaw il-piena, bir-rizultat Ii l-piena Ii fil-fatt inghatat lill-appellant ghall-kontravenzjoni Ii ghaliha gie akkuzat hija wahda oggettivament li manifestament eccessiva, sproporzjonata ghal dak Ii l-appellant ghamel, u ghalhekk hija piena ingusta. L-imsemmija fatturi Ii fl-umli fehma tal-appellant kellhom jigu hekk ikkonsidrati mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati huma s-segwenti: (i) L-appellant ma naqasx milli jaghti l-manteniment minnu dovut b'mod kapriccuz jew arbitrarju. izda minhabba Ii sab ruhhu temporanjament f'cirkostanzi fejn ma setax jaqdi l-imsemmi obbligu tieghu lejn bintu, ghar-raguni Ii safa minghajr xoghol u minghajr ebda introjtu: (ii) Rinfaccjat b'dawn ic-cirkostanzi, l-appellant ghamel uzu mill-uniku rimedju spettanti lilu skond il-ligi, u cioe irrikorra quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Familja fejn talab Ii l-manteniment minnu dovut jigi ridott kif jidrilha xieraq dik il-Qorti. L-istess proceduri kienu lid-data tas-sentenza Ii qeghda tigi appellata, u ghadhom prezentement pendenti quddiem il-Qorti tal-Farnilja: (iii) L-appellant huwa bniedem ta' fedina penali netta (iv) L-ammont Ii l-appellant naqas Ii jaghti

bhala mantenirnent huwa ammont relattivament baxx, u cioe' ta' mija u hamsin Euro (€150) rapprezentanti skadenza wahda biss. Effettivament I-appellant gie kkundannat ghal gimgha detenzjoni fil-habs minhabba Ii naqas milli jhallas mija u hamsin Euro (€150): (v) L-appellant irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri Ii ttiehdu fil-konfront tieghu: (vi) L-appellant iddikjara quddiern il-Qorti tal-Magistrati u ikkonferrna din id-dikjarazzjoni tieghu permezz tal-prezenti rikors, ghar-raguni illi jidher Ii din id-dikjarazzjoni ma gietx verbalizzata, illi huwa ser jeffetwa l-hlas tal-manteniment dovut ghaII-bzonnijiet ta' bintu minghajr ebda dewmien appena jsib impjieg.

Illi dwar il-varjazzjoni minn Qorti tal-Appell ta piena moghtija mill-ewwel Qorti, jinghad fil-gurisprudenza taghna, Ii filwaqt Ii huwa rarament Ii tigi mibdula l-piena Ii tkun imponiet l-ewwel Qorti, hemm cirkostanzi Ii fihom il-piena ghandha tigi varjata. L-elenku ta dawn ic-cirkustanzi jinkludi l-kaz fejn il-piena mposta mi!I-ewwel Qorti "*tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati*" ***(vide: Il-Pulizija vs Joseph Attard, (deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, fis-26 ta' Jannar 2001 Appell Nru: 52/2000).***

Ikkunsidrat

Li fis-seduta ta' llum il-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li l-ammont dovut mill-appellant issa thallas permezz ta' cheque li nghata dalghodu stess.

Ghaldaqstant, waqt li l-Qorti qed twissi lill-appellant li l-ammont dovut bhala manteniment dejjem ghandu jinghata fil-hin, qed tirriforma s-sentenza mohgtija fit-8 ta' Lulju, 2013 billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih qed tirriformaha f'dik il-parti fejn imponiet piena ta' gimgha detenzjoni billi thassar dik il-piena u minflok qed tikkundanna lill-appellant ihallas €50 ammenda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------